# Ittra lill-Poplu ta' Alla

## tal-E.T. Mons. Mario Grech
## Isqof ta' Għawdex

## *TALB GĦAX-XITA*

Dan l-aħħar kont inżur xi parroċċi u nnutajt diversi persuni jitolbu lil Alla biex jibagħtilna x-xita. Din il-fiduċja li n-nies tagħna għandhom fil-Providenza Divina tferraħni u tfarraġni, għax dan huwa sinjal ieħor li jgħidilna li l-poplu tagħna jemmen qatigħ f'Alla.

Meta nqis li din is-sena x-xita għadha mwaħħra, u s-sena li għaddiet kienet skarsa tant li l-wiċċ tar-raba' kien batut, nagħmel sejħa lill-poplu Nisrani biex, fuq l-eżempju ta' dawk li semmejt aktar 'il fuq, għalenija nsejħu lil Alla jberikna billi jibagħtilna x-xita f'waqtha.

L-ilma huwa element mill-iktar meħtieġ għall-ħajja. Għalhekk, waqt li nitolbu lil Alla biex ixarrabna bl-ilma mis-sema, nitolbuh ukoll biex il-poplu tagħna jikber fl-għarfien tar-responsabbiltà li għandna biex ngħassu fuqna nfusna ħalli ma jkunx hemm ħela u serq ta' ilma. L-ilma naturali jagħmel parti mill-ġid komuni u għalhekk ma nistgħux nabbużaw mill-użu tiegħu. Kulħadd għandu d-dritt li jkollu l-ilma, imma kulħadd hu wkoll fid-dmir li jinqeda bl-ilma bil-qies biex naħsbu fil-ġenerazzjoni futura.

Issa li qed joqrob ix-xahar tal-Erwieħ, nirrikkmanda li nitolbu għax-xita bl-interċessjoni ta' ħutna li ħallewna u daħlu fl-eternità. Dan anki billi nżuru ċ-ċimiterji, li għalina huma "art qaddisa". Hemm komunjoni bejnna li għadna f'din id-dinja, l-erwieħ tal-Purgatorju, u dawk li qegħdin jaraw lil Alla wiċċ imb wiċċ. Din l-għaqda bejn is-sema u l-art tinħass ukoll bit-talb ta' interċessjoni.

Flimkien ma' San Franġisk ta' Assisi ngħidu: "Tkun imfaħħar, Mulejja, f'ħuna l-Ilma, li hu meħtieġ qatigħ, irżin, ta' siwi, u safi" (*L-Għanja tal-Ħolqien*).

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat, Għawdex, illum, l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

Biex tinqara fil-quddies ta' tmiem il-ġimgħa, 29 u 30 ta' Ottubru.